

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 988/2012

tal-25 ta' Ottubru 2012

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, fir-rigward tal-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali fuq il-mandolin u s-satsumas, il-klementini, il-qaqoċċ, il-larinġ u z-zukkini

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat ⁽²⁾ jipprovdni għas-sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness XVIII tiegħu. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾.
- (2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura ⁽⁴⁾ konkluż fil-qafas tan-negozjati kummerċjali multilaterali tar-Round tal-Urugwaj, u

abbażi tal-aħħar dejta disponibbli għall-2009, l-2010 u l-2011, għandhom jiġu adattati l-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għall-mandolin u s-satsumas, il-klementini, il-qaqoċċ u l-larinġ mill-1 ta' Novembru 2012 u għaz-zukkini mill-1 ta' Jannar 2013.

- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurati li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

ANNEX

"ANNEX XVIII

DAZZI ADDIZZJONALI TA' IMPORTAZZJONI: IT-TITOLU IV, IL-KAPITOLU I, IT-TAQSIMA 2

Bla ħsara għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata bħala indikattiva biss. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji addizzjonali, għall-finijiet ta' dan l-Anness, huwa ddeterminat abbażi tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tas-Serje	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni	Livelli tal-iskattar (ftunnellati)
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	486 943
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	34 241
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	13 402
78.0075			Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	18 306
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	37 475
78.0100	0709 93 10	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	85 538
78.0110	0805 10 20	Larinġ	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	468 160
78.0120	0805 20 10	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	86 205
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolin (inklużi l-varjetajiet tangerines u satsumas); wilkings u ibridi taċ-ċitru simili	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	93 949
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	311 193
78.0160			Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	101 513
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru	76 299
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	703 063
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	73 884
78.0220	0808 30 90	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	225 388
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	33 797
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	4 908
78.0265	0809 29 00	Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu	59 061
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	14 577
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	7 924"